**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Simone Grech B. A LL.D. Mag. Jur (Eur. Law)**

**Illum 28 ta' Lulju 2023**

**Kumpilazzjoni Numru 43/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**Vs**

**Roderick Monreal**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Roderick Monreal li ghandu karta ta' l-identita' numru 613491M li permezz taghhom gie akkuzat talli:

"*.... nhar l-1 ta' Settembru 2021, ghall-habta ta' 14.30hrs waqt li kien qieghed gewwa l-parkegg magenb Gozo Stadium tirq l-Imgarr, Xewkija Ghawdex u fil-vicinanzi:*

1. *Volontarjament tajt in-nar lil bini, vettura, gharix jew lok iehor, f' hin meta ma kien hemm ebda persuna hemm gewwa, liema bini, vettura,*

*gharix jew lok iehor fejn waqt il-hruq setgha kien hemm xi persuna hemm gewwa u dan bi ksur tal-artikolu 318 tal-Kap 9:*

2. *U aktar talli fl-istess data, hin, lok u ciskostanzi volontajament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara taqbez aktar minn elfejn u hames mitt ewro (€2,500) u li saret ghad-dannu ta' Godwin Mizzi, u/jew persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 325(a) tal-Kap. 9;*
3. *U aktar talli fl-istess data, hin, lok u ciskostanzi volontajament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara taqbez aktar minn mitejn u hamsin ewro (eur 250) izda li ma taqbizx l- elfejn u hames mitt ewro (€2,500) u li saret ghad-dannu ta' Gozo Football Association u/jew persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 325(a) tal-Kap. 9;*
4. *U aktar talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati li huma definitivi li ma jistghux jigu mibdula jew mhassra u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9.*

*Il-qorti hija gentilment mitluba sabiex jekk jidhirlha xieraq tipprovdi ghas-sigurta ta' l-imsemmija Godwin Mizzi minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel ordni ta' protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrihlha lihuma xierqa.*

*Il-qorti hi gentilment mitluba illi minbarra li tinfliggi l-peina stabbilita' mil-ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Godwin Mizzi u terzi persuni sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflokk il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b' obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi iffisata mill-Qorti."*

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta.

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2021, liema ammissjoni giet ikkonfermata wara li huwa nghata zmien ragjonevoli sabiex jirrikonsidra.

Rat dak li gie vverbalizzat fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2021 fejn l-imputat nforma lil Qorti li ghadda bankdraft ta' EUR 1900 lil Gozo Football Association.

Rat il-pre-sentencing report imhejji kif ukoll ir-rapport ta' aggornament mill-Ufficjal tal-Probation.

Semghet ix-xhieda.

Semghet trattazzjoni finali.

Rat li din il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Fid-dawl tal-ammissjoni maghmula, din il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha. Dwar il-piena, din il-Qorti qieset il-fatti kollha ta' dan il-kaz u ezaminat l-atti processwali. Qieset ukoll il-pre-setencing report ezebit u r-rakkomandazzjoni hemm kontenuta kif ukoll qieset ir-rapport ta' aggornament li gie ezebit.

Fic-cirkostanzi, il-Qorti tqies li l-piena idoneja f' dan il-kaz hija dik ta' prigunerija effettiva anke tenut ta' natura serja ta' dan il-kaz.

Dwar id-danni sofferti mill-vittma, din il-Qorti hija konxja tal-fatt li kif irrizulta mill-atti processwali, gia' nghatat sentenza fir-rigward ta' Julian Calleja fejn gie ordnat li jhallas s-somma ta' EUR 10,000 bhala parti mid-danni sofferti mill-vittma in konnessjoni ma' dan l-incident. Irrizulta wkoll minn qari tas-sentenza Pulizija vs Julian Calleja ezebita a fol 79 et seq tal-process, u precizament f' pagna 3 ta' l-istess sentenza, li tressqu erba' persuni ohra li kienu involuti f' dan il-kaz apparti l-istess Roderick Monreal, u cioe' l-imputat odjern, certa Katianne Muscat (li wkoll giet ipprezentata s-sentenza moghtija fir-rigward taghha f' dawn l-atti a fol 103 et seq tal-process) u zewg persuni ohra.

Fl-isfond ta' dan kollu, fic-cirkostanzi odjerni fejn sa issa ghad hemm proceduri li ghadhom pendenti fil-konfront ta' terzi persuni ohra in konnessjoni ma' dan l-istess incident, din il-Qorti mhijiex tal-fehma li ghandha taghti ordni ta' hlas dwar id-danni sofferti mill-vittma. **Dana qed jinghadd minghajr l-ebda pregudizzju ghal kwalunkwe rimedji**

**ohra civili li ghandu a dispozzizzjoni tieghu l-istess vittma sabiex jirkupra u jigi kkumpensat tad-danni kollha sofferti minnu.**

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qeghda, fuq ammissjoni ta' l-istess imputat, u wara li rat l-artikoli 318, 325(1)(a), 325(1)(b), 49, 50, u 17(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha mressqa fil-konfront tieghu u qed tikkundannah ghal piena karcerarja ta' erba' (4) snin. In oltre, il-Qorti qeghda tqieghed lil hati taht ordni ta' trattament ai termini tal-artikolu 412D tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghal perijodu ta' tlett snin, liema ordni hija suggetta ghall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti llum stess u annessa ma' din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat b' mod car lil hati l-effetti tal-ordni ta' trattament u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u l-konsegwenzi legali ai termini tal-artikolu 412D(4) tal-Kap 9 f' kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kundizzjonijiet.

Il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' trattament moghtija b' digriet tal-llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-probation u parole sabiex jigi assenjat ufficjal tal-probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-istess hati.

Kif ukoll, il-Qorti b'applikazzjoni tal-Artikolu 382 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta qed tohrog ordni ta' trazzin fil-konfront ta' l-istess hati a favur tal-vittma, Godwin Mizzi, liema ordni ta' trazzin hija soggetta ghal varji kondizzjonijiet ilkoll kontenuti fl-istess ordni. Din l-ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza u ghandha tkun ghal perijodu ta' tlett snin.

Finalment il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li fit-terminu stipulat fl-istess artikolu, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza odjerna.

(ft.) Dr. Simone Grech

Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur